

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2022 – Pascoe pharmazeutische Präparate vs EUIPO – Novartis Pharma (PASCELMO)****(Kawża T-435/22)**

(2022/C 326/38)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Pascoe pharmazeutische Präparate GmbH (Gießen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u S. Clotten, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Novartis Pharma AG (Basel, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali PASCELMO li tindika l-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 516 387 li tindika l-Unjoni

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 1890/2021-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell jekk tintervjeni, għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2022 – Vanhove vs EUIPO – Aldi Einkauf (bistro Régent)****(Kawża T-437/22)**

(2022/C 326/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vanhove (Bordeaux, Franza) (rappreżentanta: N. Castagnon, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aldi Einkauf SE & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent